MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tal-15 ta' Frar, 2010

Avviz Numru. 140/2007

**Carmen Richard (46051M)**

**Vs**

**Noel Cassar (250467M)**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors in esami li bih ir-rikorrenti talbet sabiex l-intimat jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas lill-istess rikorrenti s-somma ta' elfejn tlett mija hamsa u disghin lira Maltin (Lm2395) rapprezentanti l-ammont dovut mill-konvenut mill-15 ta' Jannar 2004 sat-30 ta' April 2007, bhala manteniment ghal bint il-konvenut minuri, Lisa Cassar, u dan skond klawsola 3A tal-kuntratt ta' separazzjoni bejn il-konvenut u bejn Caroline Cassar nee Richard, li gie ppublikat fl-atti tan-Nutar Nathalie Pace Axiak fil-hmistax ) 15 ta' April 1997 (kopja tieghu anness mar-rikors – Dok A).

Bl-ispejjes lill-intimat, li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-istess intimat (fol 11 ibid) u li biha eccepixxa bir-rispett:-

1. Illi l-kawza hija irritwali ghaliex Carmen Richard hija mizzewga u bejn il-partijiet hemm il-komunjoni tal-akkwisti.
2. Fit-tieni lok, mhux minnu dak li qed tallega l-attrici li Noel Cassar ma hallasx manteniment peress li hu ripetutament baqa' jaghmel dan minkejja li bintu stess marret tghajru pubblikament u dan fuq istigazzjoni tal-maggorenni.
3. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza specjalment dak verbalizzat waqt is-seduta tad-29 ta' April 2009 (fol 39 ibid) u tas-16 ta' Settembru 2009 (fol 42 ibid).

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi skond l-att pubbliku datat il-15 ta' April 1997, il-konjugi Noel Cassar, il-konvenut u Caroline Cassar nee Richard kienu sseparaw bonarjament u bil-kunsens u awtorizzazzjoni tal-Qorti Volontarja (ara fol 2 et seq ibid). Skond l-istess kuntratt binthom minuri Lycia kella tkun fdata, 'qua' kura u kustodja lill-istess attrici li tigi omm Caroline Cassar msemmija. Inoltre l-konvenut kien obbliga ruhu li jhallas lill-istess attrici s-somma ta' Lm15 fil-gimgha bhala manteniment tal-istess minuri (ara l-klawsoli 2(a) u 3(a) a fol 3 u fol 4 ibid). Difatti, skond ma xehdet <u>l-attrici</u> ( a fol 22 ibid) il-konvenut kien waqaf milli jhallas dan il-manteniment 'ghal dawn l-ahhar erba' snin' u '…. Presumilment …. l-konvenut ma jrid l-ebda kuntatt ma' bintu'. Dwar l-ammont mitlub skond ir-rikors in esami l-attrici ppresentat <u>prospett dettatjat</u> tal-ammont dovut u li jinsab a fol 41 ibid (ghal kull bon fini ara x-xhieda tal-istess <u>minuri</u> a fol 28 u fol 29 ibid) u ta' <u>Deborah Richard</u> bint l-attrici u oht Caroline Cassar a fol 32 u fol 33 ibid oltre il-korrispondenza bejn l-intimat u l-Avukat precedenti ta' Caroline Cassar, ormai mejjet).

Ikkunsidrat

Illi l-konvenut ma gab ebda prova in sostenn ta' dak eccepit minnu (ara l-verbali hemm fuq imsemmija).

Ikkunsidrat

Illi dwar l-ewwel (1) eccezzjoni jigi rilevat illi l-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni jaghmilha cara li l-ammont mitlub hu dovut lir-rikorrenti ghall-manteniment tal-imsemmija minuri u ghall-perjodu hemm specifikat u ghalhekk din il-Qorti ma tarax kif din l-eccezzjoni tista' b'xi mod tigi akkolta u, effettivament ma hiex sostenibbli ghal dan il-kaz, ta' min jirrileva illi dan il-kaz bl-ebda mod ma jinvolvi xi assi appartenenti lill-komunjoni tal-akkwisti jekk din tesisti bejn l-attrici u zewgha (ara l-artikolu 1320 tal-Kodici Civili) u 'caso mai' ma jinkwadrax ruhu taht xi att straordinarju ta' amminsitrazzjoni (ara l-artikolu 1322(3) ibid).

Illi, in rigward it-tieni (2) eccezzjoni, din hi, totalment, irrilevanti ghal dan il-kaz ghall-ragunijiet ovvji.

Illi ghalhekk, it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu akkolti.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u tikkudanna lill-istess intimat sabiex jhallas lir-rikorrenti s-somma ta' Lm2395 ossija €5578.85 bl-imghax legali mill-17 ta' Mejju 2007 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes jithallsu mill-istess intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------